# PETIZZJONIJIET PREŻENTATI LILL-PARLAMENT TA' MALTA
# FUQ IS-SIT ELETTRONIKU TAL-PARLAMENT

## Linji gwida

## Abbozz approvat mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet - 16.9.19

| | |
|---|---|
| **1.** | **Petizzjonijiet lill-Parlament** |
| | |
| 1.1 | Petizzjoni hija mezz ta' kif tista' tinġieb materja partikolari għall-attenzjoni tal-Parlament li jintalab li jieħu azzjoni. L-azzjoni mitluba għandha tkun indikata b'mod ċar, konċiż u inekwivoku. |
| | |
| 1.2 | Meta ma tintlaqax petizzjoni, il-persuna li tkun ippreżentatha tiġi mogħtija r-raġuni għaliex ma setgħetx tintlaqa' u tingħata l-possibiltà li tirrevedi l-petizzjoni. Jekk ikun possibbli jingħata parir dwar jekk it-talba tistax tersaq permezz ta' proċess parlamentari differenti. |
| | |
| **2.** | **Preżentazzjoni ta' petizzjonijiet** |
| | |
| 2.1 | Wara emendi li saru għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati fl-2016, minbarra petizzjonijiet bil-miktub li jiġu ppreżentati minn Membri Parlamentari f'isem iċ-ċittatidini, huwa possibbli li kull persuna li għandha karta' tal-identitá maħruġa f'Malta tissottometti petizzjoni direttament lill-Parlament b'mod elettroniku minn fuq is-sit uffiċjali tal-Parlament. |
| | |
| 2.2 | Is-sistema elettronika titlob li jimtlew ċerti dettalji personali sabiex il-Parlament ikun jista' jawtentika l-persuna li tkun qiegħda tikkrea l-petizzjoni, iżda l-uniċi dettalji li eventwalment jidhru *online* huma l-isem u l-kunjom tal-persuna li tkun ressqet il-petizzjoni. |
| | |
| **3.** | **Ammissibilità ta' petizzjonijiet** |
| | |
| 3.1 | L-ammissibilità ta' petizzjoni tiġi deċiża mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet li jista' jitlob parir lill-Ispeaker dwar jekk petizzjoni għandhiex tiġi aċċettata. |
| | |
| 3.2 | Petizzjoni tista' tiġi ppreżentata bil-Malti u/jew bl-Ingliż. |
| | |
| 3.3 | Il-persuna li tressaq petizzjoni ssir responsabbli għal kull dikjarazzjoni li tagħmel fil-petizzjoni. |
| | |
| 3.4 | Petizzjoni li titlob azzjoni mitluba diġà f'petizzjoni oħra li tkun għadha qed tiġi trattata mill-Parlament, ma tiġix aċċettata.<br><br>Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet jista' jiddeċiedi li ma jikkonsidrax petizzjoni dwar materja li dwarha jkun diġà ħa deċiżjoni. |
| | |
| 3.5 | Petizzjonijiet jistgħu jsiru biss dwar dawk il-materji pubbliċi li l-Kamra tista' tieħu azzjoni dwarhom u li jkunu jirrelataw ma' xogħol pubbliku jew xogħol tal-Kamra li għalih Ministru jew kull Membru ieħor tal-Kamra jkun responsabbli. |
| | |
| 3.6 | Petizzjoni ma jista' jkollha ebda talbiet għall-għoti ta' flus pubbliċi, għal ftehim dwar somom ta' flus dovuti lir-Repubblika ta' Malta, jew għall-ħelsien ta' dazji li huma dovuti minn xi persuna, iżda tista' ssir talba biex tinkiseb dik l-għajnuna li persuna għandha dritt għaliha, jekk il-Kamra jkun hekk jidhrilha. |

| | |
|---|---|
| 3.7 | Ebda referenza m'għandha ssir f'petizzjoni għal xi diskussjoni fil-Kamra, lanqas għal xi mozzjoni li Membru Parlamentari jkun bi ħsieb li jagħmel kemm-il darba ma jkunx hemm avviż dwar dik il-mozzjoni fuq l-aġenda tal-Kamra.<br><br>Ebda referenza ma għandha ssir f'petizzjoni għal xi proċeduri quddiem Kumitat tal-Kamra li ma jkunux għadhom ġew konklużi u tressqu lill-Kamra b'rapport mill-istess Kumitat.<br><br>Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għandu jissospendi t-trattazzjoni ta' petizzjoni jekk waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tavverra ruħha wara l-aċċettazzjoni tal-petizzjoni. |
| | |
| 3.8 | Ma tintlaqax petizzjoni dwar materja li dwarha ma jkunx diġa ttieħed kull rimedju ordinarju disponibbli taħt il-liġijiet ta' Malta.<br><br>Ma tintlaqax petizzjoni li tkun tittratta xi kwistjoni li dwarha jkun hemm pendenti proċeduri fil-Qrati jew quddiem xi tribunal jew awtorità ġudizzjarja mwaqqfa b'liġi. Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet jissospendi t-trattazzjoni ta' petizzjoni kemm il-darba, wara l-aċċettazzjoni tal-petizzjoni, jinġieb a konjizzjoni tal-Kumitat li hemm proċeduri pendenti kif deskritt hawn fuq jew jekk il-petizzjonant ikollu interess li, jew jagħmel talba quddiem Qorti jew quddiem tali tribunal jew awtorità ġudizzjarja dwar il-kwistjoni trattata fil-petizzjoni tiegħu jew jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun fetħet inkjesta dwar dik il-kwistjoni jew jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni dwar l-istess kwistjoni.<br><br>Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet jista' jiddeċiedi li ma jikkonsidrax petizzjoni li dwarha tkun diġà ttieħdet deċiżjoni minn xi qorti, tribunal, awtorità ġudizzjarja jew xi entità regolatorja mwaqqfa b'liġi sabiex tieħu tali deċiżjoni.<br><br>Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għandu jissospendi t-trattazzjoni ta' petizzjoni jekk waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tavverra ruħha wara l-aċċettazzjoni tal-petizzjoni. |
| | |
| 3.9 | Ma tistax tiġi ppreżentata petizzjoni dwar materja koperta minn mandat ta' inibizzjoni maħruġ b'ordni tal-Qorti. |
| | |
| 3.10 | Petizzjoni ma għandu jkollha ebda imputazzjoni jew espressjoni ironika. |
| | |
| 3.11 | Petizzjoni ma għandhiex titlob għal għoti ta' opinjoni jew soluzzjoni ta' kwestjoni legali astratta jew propożizzjoni ipotetika. |
| | |
| 3.12 | Ebda petizzjoni ma għandha b'xi mod issemmi l-isem jew l-ismijiet ta' individwi, kemm jekk dawn ikunu uffiċjali pubbliċi kif ukoll jekk ikunu persuni privati. |
| | |
| 3.13 | Ma tistax issir petizzjoni dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna ħlief fil-kariga uffiċjali jew pubblika tagħha u dan biss f'każijiet ta' uffiċjali għolja. |
| | |
| 3.14 | Petizzjoni li tkun timplika akkuża ta' karattru personali tiġi miċħuda. |
| | |
| 3.15 | Ma jintlaqgħux petizzjonijiet li jkunu jsemmu jew jirreferu għal membri tal-familja ta' Membri Parlamentari jew ta' uffiċjali pubbliċi. |
| | |
| 3.16 | Petizzjoni ma tistax timplika lil xi persuna jew oragnizzazzjoni identifikabbli b'akkuża ta' reat. |
| | |
| 3.17 | Ma tistax issir petizzjoni dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna li l-kondotta tagħha tista' tiġi attakkata biss b'mozzjoni parlamentari. |
| | |

| | |
|---|---|
| 3.18 | Ma jiġux aċċettati petizzjonijiet li jitolbu li persuna tingħata impjieg/ħatra jew li titkeċċa minn impjieg/ħatra. Dan jinkludi petizzjonijiet biex jitressaq vot ta' sfiduċja jew biex titressaq mozzjoni li titlob għal riżenja. |
| | |
| 3.19 | Petizzjoni ma tistax titlob li persuna tingħata xi onorifiċenza. Nomini f'dan ir-rigward jistgħu jsiru lill-Kumitat tan-Nomini mwaqqaf skont l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika. |
| | |
| 3.20 | Petizzjoni li tiggrava tbatija personali li jkun għaddej minnha individwu, ma tiġix aċċettata, dejjem sakemm ma jkunx hemm il-permess bil-miktub tal-istess individwu. |
| | |
| 3.21 | Petizzjoni li tinkludi materjal li jista' jkun kunfidenzjali jew kommerċjalment sensittiv, ma tiġix aċettata. |
| | |
| 3.22 | Petizzjoni meqjusa frivola jew vessatorja ma tiġix aċċettata. |
| | |
| 3.23 | Petizzjoni ma tiġix aċċettata jekk:<br>- tkun malafamanti jiġifieri li jkun fiha kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna – tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita' ġuridika distinta sew jekk le – b'tali mod li tkun tammonta għal libel;<br>- ikun fiha kliem mhux Parlamentari u mhux dekoruż; u<br>- jekk jirriżulta li jkollha dikjarazzjonijiet foloz. |
| | |
| 3.24 | Ebda kliem offensiv jew li jista' jiġi meqjus bħala li jippromwovi ideat estremi ma jista' jintuża f'petizzjoni. Dan jinkludi petizzjonijiet li jattakkaw id-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' persuna, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, dejjem suġġett għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. |
| | |
| 3.25 | Petizzjoni li jkun fiha materjal promozzjonali dwar xi prodott jew servizz ma tiġix aċċettata; |
| | |
| 3.26 | Petizzjoni ma tistax titressaq għal skop partiġġjan u allura ma tistax tinkludi materjal politiku. |
| | |
| 3.27 | Petizzjoni ma tistax titlob għal informazzjoni li tista' tinkiseb taħt l-Att dwar dwar il-Libertà tal-Informazzjoni |
| | |
| 3.28 | Ebda petizzjoni ma jista' jkollha xi ħaġa li tmur kontra l-privileġġi, ir-regoli u l-konswetudni tal-Kamra; |
| | |
| **4** | **Numru ta' firem li hemm bżonn sabiex il-Parlament jikkunsidra petizzjoni.** |
| | |
| 4.1 | Petizzjoni ma tirrikjediex numru minimu ta' firem sabiex tiġi kkunsidrata. Kull petizzjoni tkun ikkunsidrata fuq il-merti tagħha. |
| | |
| **5.** | **Iffirmar ta' petizzjonijiet.** |
| | |
| 5.1 | Is-sistema titlob lil kull min irid jiffirma petizzjoni biex jimla ċertu dettalji personali (Isem, Kunjom, Numru tal-ID Card, Data tat-Twelid u Indirizz Elettroniku) sabiex il-persuna tiġi awtentikata b'mod immedjat. L-istess sistema ta' awtentikar tibgħat email fl-indirizz ipprovdut sabiex dak li jkun jikkonferma x-xewqa tiegħu li jiffirma l-petizzjoni. |
| | |
| 5.2 | F'każ li t-talba ma tiġix ikkonfermata fi żmien 48 siegħa minn mindu ssir it-talba, it-talba għall-firma tal-petizzjoni taqa'. |
| | |

| | |
|---|---|
| 5.3 | Ladarba t-talba tkun ikkonfermata, il-firmatarju jirċievi notifika li l-firma tiegħu ġiet aċċettata u jiżdied mal-lista tal-firmatarji l-oħra. Id-dettalji tiegħu ma jiġux pubblikati online iżda jinżammu fis-sistema f'każ ta' bżonn li jsiru verifiki aktar 'il quddiem. |
| | |
| **6** | **Kemm iddum miftuħa għall-firem petizzjoni.** |
| | |
| 6.1 | Meta tiġi kkreajata petizzjoni online, b'mod awtomatiku din tkun miftuħa għall-firem għal perjodu ta' sittin ġurnata. F'każ li wieħed ikun jixtieq iqassar jew itawwal dan il-perjodu, għandha ssir talba lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. |
| | |
| **7** | **X'jiġri meta petizzjoni tagħlaq għall-firem.** |
| | |
| 7.1 | Kull petizzjoni meqjusa ammissibbli tiġi referuta lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet wara li jagħlaq il-perjodu li fih tkun miftuħa għall-firem. L-ordni li fiha l-Kumitat jagħżel li jittratta kull petizzjoni referuta lilu, tkun deċiża mill-istess Kumitat. |
| | |
| 7.2 | Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jsejjaħ lill-petizzjonant sabiex jidher quddiem il-Kumitat. Jista' wkoll jitlob li l-petizzjonant jagħmel preżentazzjoni fil-qosor u/jew iwieġeb xi domandi tal-Membri tal-istess Kumitat. Petizzjonant li jiġi mgħajjat biex jidher quddiem il-Kumitat jista' jitlob li jkun assistit minn persuna oħra, liema persuna tista' tintervjeni biss bil-permess tal-Kumitat.<br><br>F'każ li jkunu ppreżentati xi dokumenti waqt il-preżentazzjoni, il-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk tali dokumenti jsirux pubbliċi.<br><br>F'każ li petizzjonant ikun irid itella' xhieda biex jissostanzja t-talba tiegħu, il-Kumitat għandu jkun infurmat b'dan qabel il-laqgħa sabiex jiddeċiedi jekk jilqax it-talba. Jekk tali talba tintlaqa' huwa l-Kumitat li jsejjaħ ix-xhud skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi wkoll li fis-smigħ tax-xhieda japplika l-linji gwida tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex jara li jiġu osservati l-prinċipji ta' smigħ xieraq. |
| | |
| 7.3 | Sakemm il-Kumitat ma jiddeċidiex mod ieħor, il-laqgħat kollha tal-Kumitat ikunu miftuħa għall-pubbliku u jkunu *streamed live* u *on-demand* fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, u mxandra fuq Parliament TV fi stadju ulterjuri. |
| | |
| 7.4 | Wara d-diskussjoni, il-Kumitat jista' jiddeċiedi jekk il-petizzjoni għandhiex tiġi referuta lil xi Kumitat Permanenti jew Magħżul tal-Kamra, jew għandhiex issir diskussjoni fil-Kamra kollha.<br><br>Il-Kumitat jista' jiddeċiedi wkoll li jirreferi l-petizzjoni lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità. |
| | |
| 7.5 | F'każ li petizzjoni tkun ġiet referuta lil xi kumitat parlamentari jew entità oħra, jingħata żmien ta' tliet xhur li fih ikun mistenni li tingħata tweġiba. |
| | |
| 7.6 | Il-Kumitat jista', wara diskussjoni, jiddeċiedi li petizzjoni, ma tkunx timmerita konsiderazzjoni ulterjuri mill-Kumitat. |
| | |
| 7.7 | Meta l-Kumitat ikun soddisfatt bil-konsiderazzjoni ta' petizzjoni u jqisha konkluża, iċ-Chairman tal-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kamra dwar l-eżitu tagħha billi jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra b'xi kummenti li jista jkollu l-Kumitat. |
| | |
| 7.8 | Kull deċiżjoni li tittieħed f'kull stadju tal-ħajja ta' petizzjoni tiġi kkomunikata lill-persuna li tkun ippreżentat il-petizzjoni. |
| | |
| **8.** | **Użu u żamma ta' *data* personali** |
| | |
| 8.1 | Meta persuna tuża s-sistema ta' petizzjonijiet online fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, tingabar l-informazzjoni li ġejja: |

| | |
|---|---|
| | – Isem;<br>– Kunjom;<br>– Numru tal-ID Card;<br>– Data tat-twelid<br>– Indirizz;<br>– Indirizz elettroniku, u<br>– Indirizz tal-*internet* jew tad-*domain* tal-kompjuter li jkun intuża biex tidħol fis-sistema tal-petizzjonijiet. |
| | |
| 8.2 | Id-data tat-twelid tintuża biss biex tiġi vverifikata l-identità tal-persuna fl-istadju inizjali u ma tinżammx aktar fis-sistema. |
| | |
| 8.3 | L-informazzjoni l-oħra li tiġi miġbura tintuża biss għall-iskopijiet ta' awtentikar u verifika ta' firem. Kif isir fil-każ ta' petizzjonijiet imressqa minn Membri Parlamentari, il-lista ta' persuni li jkunu ffirmaw petizzjoni ssir parti mir-*records* tal-Kamra però ma tiġix ippubblikata *online*. |
| | |
| 8.4 | Huwa biss l-isem u l-kunjom tal-persuna li tkun ikkreat petizzjoni li jkun jidher fuq il-paġna tal-petizzjoni. |
| | |
| 8.5 | Fil-każ ta' petizzjonijiet ippreżentati minn Membri Parlamentari, l-ismijiet tal-firmatarji jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra iżda ma jiġux pubblikati on line. |
| | |
| 8.6 | Il-petizzjonijiet kollha, kemm dawk milqugħa kif ukoll dawk li ma jiġux milqugħa, jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Parlament.<br><br>Ma jiġux ippubblikati dawk il-petizzjonijiet li jkunu nżammu minħabba li:<br>• huma malafamanti, libellużi jew li jistgħu jitqiesu li huma kontra l-liġi;<br>• jittrattaw materja *sub judice* jew li dwarha nħareġ mandat ta' inibizzjoni;<br>• huma offensivi jew jippromwovu ideat estremi;<br>• jitqiesu li jittrattaw materja kunfidenzjali jew li jżidu t-tbatija personali li jkun għaddej minnha individwu;<br>• huma frivoli, vessatorji jew jitqiesu li jammontaw għal reklamar;<br>• isemmu ismijiet jew b'xi mod jidentifikaw terzi persuni; jew<br>• għal xi raġuni oħra skont id-direzzjoni tal-Ispeaker tal-Kamra tal-Kamra tad-Deputati fuq il-parir tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. |